



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 8 ta' Diċembru 2008 (12.12)
(OR. en)**

**15980/08
ADD 1**

**RECH 376
COMPET 498**

NOTA TA' TIFSIR

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Diċembru 2008
lil:	Sur Javier SOLANA, Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli
Suġġett:	Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni . Dokument li jakkumpanja d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteciċipazzjoni tal-Komunità f'programm Ewropew ta' riċerka fil-metroloġija mwettaq minn diversi Stati Membri - Sommarju tal-valutazzjoni tal-impatt

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż dokument tal-Kummissjoni SEC(2008) 2948.

Mehmuż: SEC(2008) 2948



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 3.12.2008
SEC(2008) 2948

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Dokument li jakkumpanja

**D-DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL DWAR IL-
PARTEĊIPAZZJONI TAL-KOMUNITÀ F'PROGRAMM EWROPEW TA'
RIĊERKA FIL-METROLOĠIJA MWETTAQ MINN DIVERSI STATI MEMBRI**

SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

**{COM(2008) 814 finali}
{SEC(2008) 2949}**

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Daħla u Kwistjonijiet Proċedurali

L-aktar eżempji bikrija tal-importanza tal-kwalità tal-kejl fil-binja tas-soċjetà nistgħu nsibuhom sa minn 3 000 sena qabel Kristu. Il-*“cubit”* introdott bħala l-ewwel unità ta’ tul li nafu biha u użata fil-bini tal-piramidi, kienet deskritta bħala t-tul tad-driegħ mill-minkeb sal-polz tal-Faragħuni flimkien mal-wisa’ tal-pala ta’ idu. Matul iż-żmien tar-Re Cheops, inbniet b’din is-sistema l-piramida l-kbira ta’ Giza u l-uniformità fil-kejl tat-tul twettqet bi preċiżjoni relattiva ta’ 0.05% fuq distanza ta’ 230 m. Il-metroloġija Ewropea moderna għandha l-għeruq tagħha fir-Revuluzzjoni Franċiża, bil-motivazzjoni politika biex jiġu armonizzati l-unitajiet fi Franza kollha kemm hi u bil-ħsieb li jiġu stabbiliti unitajiet ta’ kejl disponibbli *“għall-poplu kollu, għaż-żminijiet kollha”*.

Fl-ekonomija globali tallum, il-metroloġija tagħmel kontribut sinifikanti għall-iżvilupp teknoloġiku u ekonomiku ta’ bosta nazzjonijiet fid-dinja. Ir-riċerka dwar il-metroloġija hija meħtieġa sabiex issolvi problemi tas-soċjetà, u eżempji jaffettwaw oqsma bħan-navigazzjoni bis-satellita, il-kura tas-saħħa, l-industrija tas-semikondutturi u t-tibdil fil-klima. Fid-disgħinijiet l-Unjoni Ewropea iffaċċjat il-*“mad cow disease”* jew il-kriżi tal-enċefalopatija sponġiformi tal-ifrat (BSE). Aħna lkoll niftakru l-ħtieġa urġenti tar-riċerka fil-metroloġija u ta’ materjali ġodda ta’ referenza bħala appoġġ għar-regolamenti u sabiex terġa’ tinkiseb il-fiduċja tal-konsumaturi għall-ħarsien tas-suq Ewropew taċ-ċanga. Ir-riċerka fil-metroloġija, peress li hija attività ewlenija ta’ appoġġ għar-regolamenti u għall-istandardizzazzjoni, kienet għalhekk tradizzjonalment prijorità nazzjonali għolja f’ħafna ekonomiji. Madankollu, filwaqt li nħarsu lura lejn ir-Rivoluzzjoni Franċiża, minn dak iż-żmien ’l hawn il-pajjiżi Ewropej qegħdin imexxu l-attivitajiet nazzjonali tagħhom ta’ riċerka fil-metroloġija f’iżolazzjoni sħiħa. Illum l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għadhom mħumiex kapaċi jaġixxu flimkien u joħlqu l-Programm Ewropew tar-Riċerka fil-Metroloġija (EMRP) tagħhom proprju li jkun uniku, modern u verament integrat.

Għal ħafna snin, il-Komunità għamlet użu mid-diversi dispożizzjonijiet tat-Trattat biex tinkoraġġixxi koordinazzjoni u koperazzjoni akbar bejn il-programmi ta’ riċerka nazzjonali. Fis-sena 2000 il-Kunsill Ewropew ta’ Liżbona ddeċieda li attivitajiet ta’ riċerka fil-livell nazzjonali u dak tal-Unjoni għandhom ikunu integrati u kkoordinati aħjar sabiex isiru kemm jista’ jkun effiċjenti u innovattivi. Fl-2006, il-Parlament Ewropew għamel enfasi dwar il-koordinazzjoni aħjar tal-programmi ta’ riċerka nazzjonali u dawk Ewropej. Fil-Programm Speċifiku ‘Koperazzjoni’ tas-Seba’ Programm Qafas (FP7) tnieda l-Artikolu 169 sabiex jiġi implimentat programm konġunt Ewropew ta’ riċerka fil-metroloġija permezz tan-netwerks eżistenti tal-Laboratorji Nazzjonali tal-Metroloġija.

Minbarra l-appoġġ dokumentat tajjeb għal din l-inizjattiva mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati kkonfermat il-ħtieġa ta’ azzjoni Komunitarja fid-direzzjoni kkunsidrata ta’ integrazzjoni u modernizzazzjoni tas-sistema Ewropea tal-Metroloġija. Is-servizzi interessati tal-Kummissjoni li jużaw ir-riżultati tar-riċerka fil-metroloġija fl-oqsma rispettivi tagħhom biex iħejju regolamenti/leġiżlazzjoni moderni (pereżempju SANCO, ENV, ENTR) ikkonfermaw ukoll waqt laqgħat bejn is-servizzi l-utilità ta’ programm integrat li jkopri l-biċċa l-kbira tal-programmi nazzjonali ta’ riċerka eżistenti.

Definizzjoni tal-problema

Il-metroloġija hija moħbija f’għajnejn il-pubbliku, iżda hija essenzjali għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-komunikazzjoni moderna. L-aċċess għas-swieq jista’ jiġi mfixxkel minħabba standards inkompatibbli jew nuqqas ta’ użin u qisien li jkunu uniformi u preċiżi. Ir-riċerka fil-metroloġija hija *ġid pubbliku* ta’ natura b’saħħitha u hija attività ewlenija ta’ appoġġ għar-regolazzjoni u l-istandardizzazzjoni tal-gvern. Il-qawwiet ekonomiċi prinċipali kollha fid-dinja għarfu li r-R&Ż teknoloġika fil-metroloġija hija fundamentali għat-tkabbir ekonomiku fit-tul ta’ pajjiż avvanzat. Kontra dan l-isfond l-Ewropa qed tiffaċċja l-hekk imsejħa dilemma Ewropea tal-metroloġija; id-*“dilemma Ewropea tal-metroloġija”* hija li jiġu allinjati b’mod permanenti l-isforzi tar-riċerka fil-

metroloġija mal-ħtiġijiet tas-soċjetà meta t-tnejn li huma kemm aktar eżiġenti, aktar kumplessi u għalhekk jużaw aktar riżorsi filwaqt li jibqgħu jinqdew il-bżonnijiet "tradizzjonali" mingħajr ebda riżorsi ġodda jew addizzjonali. Fl-istess waqt, qegħdin jiżiedu l-ħtiġijiet globali għal kejl preċiż u ta' malajr fl-industriji tradizzjonali, it-teknoloġiji ġodda u emerġenti qegħdin ipogħu aktar pressjoni fuq is-sistema tal-kejl u jsiru meħtieġa "tipi ta' kejl totalment ġodda" u f'ħafna oqsma tas-soċjetà bħalma huma l-kura tas-saħħa, il-ħarsien tal-ambjent, is-sikurezza tal-ikel jew it-trasport ir-rikonnoxximent tal-importanza tal-istandards u tal-kejl qed jikber b'mod imgħaġġel u huwa relatat direttament mal-legalizzazzjoni, filwaqt li r-riżorsi Ewropej disponibbli mhumiex qegħdin jiżiedu u mhumiex qegħdin jintużaw bl-aħjar mod possibbli.

Il-komunità Ewropea tar-riċerka dwar il-metroloġija hija komunità speċjalizzata li hija marbuta biss b'mod laxk mal-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew l-akkademja. Hija fil-biċċa l-kbira frammentata billi tinkludi ftit ċentri ta' eċċellenza globali li jistgħu jibbenefikaw minn kompetizzjoni wiesgħa fuq skala internazzjonali. Jeżisti b'mod ċar xogħol doppju ta' riċerka pereżempju fl-hekk imsejħa "Dikjarazzjonijiet dwar il-Kapaċità ta' Kalibrazzjoni u Kejl" (CMCs), fejn il-pajjiżi li jwettqu r-R&Ż, "l-erbġħa l-kbar", (il-Ġermanja, ir-Renju Unit, Franza u l-Italja) għandhom 4 050 CMC, imqabbla mat-total ta' 2 250 CMC tal-Istati Membri ż-Żgħar kollha tal-Istati Uniti, għandhom tagħrif xjentifiku eċċellenti f'oqsma differenti rilevanti għall-metroloġija (pereżempju n-Nanoteknoloġiji) iżda ma jistgħux jibnu l-kapaċitajiet tagħhom ta' riċerka fil-metroloġija minħabba n-nuqqas ta' massa kritika u l-investimenti enormi tal-bidu. Ukoll fil-livell nazzjonali għe rikonnoxxut in-nuqqas ta' suċċess tas-sistema, u l-għoti ta' bixra Ewropea u l-immodernizzar tal-ipprogrammar jista' jbiddel din is-sitwazzjoni u jsołvi l-problema ewlenija:

Is-sistema tar-riċerka Ewropea dwar il-metroloġija appoġġata minn loġika ta' intervent nazzjonali solitarju rigward il-programmazzjoni tar-riċerka trid tegħleb id-"dilemma Ewropea tal-metroloġija". Il-potenzjal Ewropew fir-riċerka tal-metroloġija mhux qed jiġi sfruttat kompletament biex jiggarantixxi l-aħjar risposti għall-isfidi tas-soċjetà. Hemm nuqqas ta' azzjoni konġunta bejn l-Istati Membri u l-Komunità biex jiġi pprovdut sforz ta' riċerka fil-metroloġija li jkun modern u orjentat lejn l-isfidi. Kull approċċ ġdid jeħtieġ li jiżid ir-riżorsi disponibbli u jista' jirnexxi biss jekk jikkunsidra s-sistemi nazzjonali eżistenti kollha, jintegrahom fi programm tabilħaqq Ewropew li għandu jwassal verament għal bidla drastika u l-immodernizzar tas-sistemi nazzjonali eżistenti.

Id-dritt Komunitarju li jopera f'dan il-qasam jidher f'diversi artikoli tat-Trattat li jipprovdu koordinazzjoni u kooperazzjoni fir-riċerka bejn l-Istati Membri u l-Komunità. L-Artikolu 165 jistipula li "il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jikkordinaw l-attivitajiet tagħhom fir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku sabiex jiżguraw li kull politika nazzjonali u dik tal-Komunità ikunu koerenti ma' xulxin". Naturalment, l-Artikolu 169 jistieden lill-Komunità biex taħseb għall-pateċipazzjoni fil-programmi ta' riċerka u żvilupp li fihom jieħdu sehem diversi Stati Membri. L-azzjoni tal-Komunità tidher iġġustifikata ħafna, għaliex l-Istati Membri weħidhom x'aktarx li ma jkunux kapaċi jindirizzaw dawn il-problemi. Fit-tieni lok, ir-raġuni fundamentali tal-azzjoni tal-UE tirriżulta parzjalment min-natura transnazzjonali ta' xi sfidi importanti (pereżempju, il-kura tas-saħħa, il-ħarsien tal-ambjent jew is-sikurezza tal-ikel) fejn jeħtieġ li l-Istati Membri jaġixxu flimkien biex jindirizzaw kif jixraq il-problemi fil-livell transnazzjonali.

Objettivi

L-objettivi tal-**politika ġenerali** tal-inizjattiva huma li tkabbar il-kapaċità tal-UE li twettaq l-għanijiet ta' livell għoli tal-politika tagħha u li tirrispondi għall-isfidi prinċipali li se tiffaċċja fis-snin li ġejjin:

- Li tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija riveduta ta' Liżbona
- B'mod partikolari li tinvesti aktar u aħjar fl-għerf għat-tkabbir u l-impjiegi
- Li tikkontribwixxi biex tinħoloq iż-Żona Ewropea għar-Riċerka (ERA)
- Li tgħin biex l-Ewropa tirrispondi b'mod aktar effettiv għal sfidi tas-soċjetà importanti bħalma huma l-ħarsien ambjentali, il-kura tas-saħħa, is-sikurezza tal-ikel jew is-sigurtà pubblika

Sabiex tikkontribwixxi għat-twettiq ta' dawn l-objettivi ta' politika ġenerali, ikun meħtieġ li jitjiebu l-effiċjenza u l-effettività tar-riċerka pubblika fil-metroloġija. **Objettivi speċifiċi** huma:

- L-istrutturar tal-ERA permezz tal-koordinazzjoni u l-integrazzjoni parzjali tal-programmi nazzjonali ta' riċerka pubblika fil-metroloġija.
- It-titjib tal-effiċjenza fl-approċċ sparpaljat tal-Ewropa fir-rigward tal-metroloġija pubblika.
- Iż-żieda tal-impatt ta' dawn il-programmi.
- It-tneħħija ta' ostakli bejn programmi nazzjonali ta' riċerka fil-metroloġija.

Sabiex jiġi promoss it-titjib ta' hawn fuq rigward l-impatt u l-effiċjenza, l-**objettivi operattivi** huma:

- Koordinazzjoni u integrazzjoni ta' programmi transkonfinali ta' riċerka pubblika.
- Jiġu indirizzati l-isfidi l-kbar (pereżempju t-tibdil fil-klima) u ta' oqsma bi ħtiġiet urġenti ta' metroloġija (pereżempju teknoloġiji ġodda u emerġenti bħal pereżempju n-nanometroloġija, il-metroloġija bijoteknoloġika jew dik tal-kura tas-saħħa).
- Li xi Stati Membri "ġodda" jew pajjiżi kandidati jkunu jistgħu jibnu kapaċità ta' riċerka fil-metroloġija.
- Aċċess miftuħ għal infrastrutturi u faċilitajiet waħdiena ta' riċerka.
- Tkabbir tal-kollaborazzjoni ġenerika bejn il-programmi nazzjonali ta' riċerka fil-metroloġija mal-komunità rilevanti tax-xjenza fil-livell Ewropew.
- Modernizzazzjoni fl-ipprogrammar tal-prijoritajiet nazzjonali u Ewropej tar-riċerka.
- Tiġi mħeġġa l-mobilità tar-riċerkaturi tal-"ewwel stadju" mill-Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija (NMI) u minn Istituti Magħżula (DI).
- L-Ewropa għandha titkellem b'vuċi waħda biex issaħħaħ l-influwenza tagħha fil-livell dinji.
- Ir-riċerka fil-metroloġija għandha ssir attività ta' appoġġ għar-regolamenti governattivi.
- Appoġġ lill-industrija u għat-tkabbir ekonomiku permezz ta' riċerka inizzjali pubblika fil-metroloġija.

Preżentazzjoni tal-Għażla ta' Politika

L-għażliet għall-azzjoni Komunitarja huma mmexxija mil-loġika u l-mekkaniżmi ta' intervent tal-FP7. Minbarra l-għażla li ma tittieħed l-ebda azzjoni, dawn l-għażliet għalhekk jirreferu għal azzjonijiet Komunitarji indiretti jew diretti (finanzjament għar-riċerka) taħt l-FP7, li jaqblu mal-loġika eżistenti tal-interventi nazzjonali dwar il-programmi ta' riċerka fi Stati Membri differenti.

L-għażliet huma msemmija kif ġej fuq il-bażi tal-karatteristiċi prinċipali tagħhom:

- (1) Għażla ta' Politika 1: "L-ebda azzjoni oħra tal-Komunità"; status quo, ebda azzjoni oħra fl-EMRP – tista' twassal għal approċċ intergovernattiv.
- (2) Għażla ta' Politika 2: "Azzjoni Komunitarja indiretta minn isfel għal fuq – koordinazzjoni ħafifa"; taħt programmi u temi tal-FP7 (Koooperazzjoni – Programmi dwar Kapaċitajiet). Il-mira tkun li tintuża l-iskema ERA-NET u/jew l-iskema ERA-NET Plus iżda li kwistjonijiet iżolati jiġu indirizzati tema b'tema u fil-Programm Qafas, parti tal-programmi b'parti tal-programm (l-għażla "business as usual").
- (3) Għażla ta' Politika 3: "Azzjoni Komunitarja indiretta minn Fuq għal Isfel"; Terġa' tiddaħħal it-tema tal-metroloġija fil-Programm Qafas – Parti taħt il-FP7 jew it-tnejn tal-FP8 u jerġa' jiddaħħal Programm Komunitarju dwar il-Metroloġija.
- (4) Għażla ta' Politika 4: "L-Artikolu 169 – integrazzjoni tal-programm permezz ta' azzjoni Komunitarja indiretta"; Azzjoni Komunitarja biex titwettaq l-integrazzjoni tal-programm tal-Istati Membri permezz tal-Artikolu 169, kif indikat fil-programm speċifiku ta' Koooperazzjoni F7.
- (5) Għażla ta' Politika 5: "JRC – azzjoni diretta"; programm Ewropew wieħed ta' riċerka dwar il-metroloġija li għandu jiġi implimentat permezz tal-JRC biex ikopri l-ħtiġijiet tal-metroloġija fuq livell Ewropew.

Id-differenza bejn dawn il-ħames għażliet qiegħda fil-mod kif isir l-intervent Komunitarju – jew bħala azzjoni indiretta jew bħala azzjoni diretta. Il-karatteristiċi prinċipali ta' kull għażla ta' politika huma diskussi fid-dettall fis-subsezzjonijiet li ġejjin.

Analiżi u tqabbil tal-għażliet

Jekk tintgħażel **L-Għażla ta' Politika 1**, is-sitwazzjoni kif insibuha llum tista' ma tibqax fis-seħħ minħabba n-nuqqas ta' kwalunkwe intervent Komunitarju politiku u/jew finanzjarju (ERA-NET jew strumenti oħra ta' koordinament). Wisq probabbli tmur għall-aġġer billi wieħed jista' jipprevedi li l-Istati Membri ser jinvestu inqas fis-settur tar-riċerka dwar il-metroloġija billi dan il-qasam ma jidherx bħala qasam ta' prijorità Ewropew. L-*istatus quo* u s-separazzjoni bejn il-programmi tal-Istati Membri ser jibqgħu; il-probabbiltà li l-gruppi ta' riċerka tal-pajjiżi ġodda jissieħbu ma' timijiet ta' riċerka ta' livell għoli u bl-esperjenza f'pajjiżi aktar avvanzati se tkun baxxa. **L-Għażla ta' Politika 2** tkompli t-triq li nqabdet bl-ERA-NET fil-FP6 u l-ERA-NET fil-bidu tal-PF7. L-isferi tal-politika u l-oqsma ta' riċerka tal-UE (eż. l-enerġija, l-ambjent) jistgħu faċilment jiġu involuti direttament fil-koordinament mal-programmi tal-MS u l-mekkaniżmi ta' interazzjoni maħsuba tajjeb b'diversi ERA-NETs orjentati lejn il-metroloġija se jkunu ċ-ċavetta. Mhux ser ikun hemm approċċ programmatiku koerenti konġunt fuq perjodu fit-tul bħal fil-każ ta' programm ta' riċerka ġenwin Ewropew. **L-Għażla ta' Politika 3** m'għandha bżonn ebda struttura istituzzjonali kbira. Din toħloq programm speċifiku ta' riċerka għall-metroloġija fejn il-komunità metroloġika u l-komunità xjentifika kollha kif ukoll l-industrija inġenerali jistgħu jikkompetu għall-finanzjamenti skont ir-regoli tal-Programm Qafas. Din tipprova l-opportunità li tiffoka b'mod partikolari fuq sfidi teknoloġiċi ġodda f'oqsma emerġenti, u b'hekk tikkontribwixxi għall-immodernizzar tas-settur. Din ir-rotta tixbah dik tal-għażla 2. Ma jkollha l-ebda effett fuq is-sistemi ta' riċerka nazzjonali li jeżistu fil-metroloġija u l-integrazzjoni bejn il-programmi u l-infrastrutturi nazzjonali. **L-Għażla ta' Politika 4** toħloq pjattaforma għall-ipprogrammar konġunt ta' riċerka bejn l-UE u l-Istati Membri, biex b'hekk toħloq aġenda ta' riċerka koerenti b'massa kritika għal perjodu ta' żmien twil. Il-parteċipazzjoni attiva tal-Kummissjoni Ewropea tista' tiggarrantixxi li jiġu enfazzzati l-mobilità u t-trasparenza u li jiġu ffukati l-oqsma emerġenti. It-taħlita ta' fondi tal-UE u dawk nazzjonali toħloq massa kritika li sa ċertu punt x'aktarx tistimula bidliet strutturali tas-sistemi nazzjonali ta' riċerka fil-metroloġija. Ir-rabtiet mal-industrija mhumiex espliċiti fil-livell tal-UE u x'aktarx li jibqgħu fil-livell nazzjonali. Din l-għażla teħtieġ bidliet sostanzjali istituzzjonali li x'aktarx jieħdu ż-żmien u huma meħtieġa negozjati kumplessi mal-Istati Membri biex jiġu implimentati. **L-Għażla ta' Politika 5** timplika li r-riċerka fil-metroloġija sseħħ b'mod iżolat mill-Istati Membri, mill-programmi rispettivi ta' riċerka tagħhom u l-infrastrutturi relatati u għalhekk ftit se jkollha influwenza fuq ir-ristrutturar tas-sistemi ta' riċerka nazzjonali fil-metroloġija u ma jitqisux l-bżonnijiet tal-Istati Membri. Konġestjonijiet oħra huma l-ħtiġijiet ta' reklutaġġ għall-JRC u n-nuqqas ta' kompetizzjoni fil-qasam metroloġiku, li min-natura tiegħu jeħtieġ rotot kompetittivi ta' riċerka biex jinstabu s-soluzzjonijiet li l-aktar jispiraw fiduċja.

Fuq il-bażi ta' dan il-paragun ġenerali bejn il-ħames għażliet ta' politika, aħna tal-fehma li l-ewwel u l-ħames Għażla mhumiex alternattivi vijabbli biex jindirizzaw il-problema mfissra hawn fuq u għalhekk ser nillimitaw id-diskussjoni aktar dettaljata għat-tieni, it-tielet u r-raba' għażla biex nipparagunaw direttament l-għażliet li jifdal. Saret deskrizzjoni ta' firxa wiesgħa ta' impatti rigward l-oġettivi operattivi. It-tabella li ġejja tiġbor fil-qosor l-analiżi magħmula u turi kif jipparagunaw it-tliet għażliet vijabbli skont l-impatt fuq l-oġettivi tal-azzjoni tal-Komunità fir-riċerka metroloġika.

Tabella: Perspettiva ġenerali tal-impatti potenzjali tat-tliet għażliet

Impatt fuq:	L-Għażla 2: Koord. Ħafifa	L-Għażla 3: FP	L-Għażla 4: L-Art 169
Effiċjenza u koordinazzjoni, integrazzjoni tal-INM u tal-programmi nazzjonali	Medju	Baxx ħafna	Għoli ħafna
Effettività tal-koordinazzjoni, integrazzjoni tal-INM u tal-programmi nazzjonali	Medju	Baxx	Għoli
Sfidi Kbar	Medju	Għoli	Għoli
SM ġodda: bini tal-kapaċitajiet	Baxx/Medju	Baxx	Medju/Għoli

Aċċess miftuħ għall-infrastrutturi	Baxx/Medju	Baxx	Medju/Għoli
Interazzjoni mal-komunità xjentifika	Baxx/Medju	Għoli ħafna	Medju/Għoli
Sistema tal-Immodernizzar tal-Metroloġija	Medju	Baxx	Għoli
Żvilupp tal-Mobilità u tar-Riżorsi Umani	Baxx	Baxx ħafna	Medju
Kooperazzjoni u pożizzjoni globali tal-Ewropa	Baxx/Medju	Baxx	Għoli
Appoġġ għar-regolamenti tal-UE	Baxx	Baxx	Għoli
Tkabbir: Servizz lill-industrija	Baxx	Baxx	Medju
Tkabbir: Appoġġ lis-setturi emerġenti	Medju	Għoli	Għoli

Dan it-tqabbil wera li l-impatti tal-Artikolu 169 Ewropew huma l-aktar qawwija fuq l-oġġettivi li jirrigwardjaw azzjoni metroloġika.

Naslu għall-konklużjoni ġenerali li wasal iż-żmien għal inizjattiva tal-Art 169 fil-metroloġija. L-inizjattiva hija importanti kemm għall-promozzjoni u l-immodernizzar tas-sistema Ewropea tar-riċerka fil-metroloġija kif ukoll bħala appoġġ għal dawk l-industriji u oqsma xjentifiċi li jeħtieġu attivitajiet metroloġiċi aktar u aktar sofistikati.

Jinsabu miġbura fil-qosor hawnhekk is-sejbiet prinċipali tal-proċess tal-Evalwazzjoni tal-Impatt. Id-“dilemma metroloġika” hija realtà. L-eżempji kkonfermaw li l-aspettattivi mir-riċerka metroloġika u mill-fornimenti ta’ servizzi qegħdin jikbru. Il-Metroloġija għandha tikkontribwixxi importanza diretta għas-soluzzjoni tal-problemi u għall-miri politiċi fl-Ewropa. Aktar ma l-Ewropa tiddefinixxi sfidi kbar, aktar il-politika tkun orjentata lejn dawk l-isfidi, u aktar l-Ewropa tkun ukoll ir-referenza għall-ġestjoni tal-kriżijiet li tinvolvi kejl u provi preċiżi. L-Art. 169 jipprovdi fondi oħra, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll fil-livell Nazzjonali. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità tiżgura li l-interess verament Ewropew jiġi rifless fil-programm ta’ ħidma tal-Art.169 EMRP l-ġdid, mingħajr ma tillimita l-attivitajiet nazzjonali u torbothom biss mad-dimensjoni Ewropea tal-programm. Mill-alternattivi kollha pparagunati, l-Art. 169 jikkontribwixxi bl-aħjar mod għall-immodernizzar tal-istrutturi nazzjonali. Il-miri jaqblu mal-kuntest Ewropew billi jikkontribwixxu direttament għall-proċess ta’ Liżbona u jekk tiġi applikata kif jixraq, ir-riċerka metroloġika tista’ tkun quddiem nett għall-ħolqien tal-ERA bbażata fuq inizjattivi konġunti bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Monitoraġġ u Evalwazzjoni

Il-Monitoraġġ u l-evalwazzjoni jkunu akkumpanjati b’rappurtar annwali mwettaq mill-Istruttura Speċifika ta’ Implimentazzjoni (DIS) filwaqt li tirreferi għal indikaturi ta’ integrazzjoni li jistgħu jiġu rreġistrati u indikaturi ta’ progress kwalitattiv fuq il-bażi tal-azzjonijiet mistennija fi ħdan il-programm EMRP. Id-DIS tkun mitluba tissottometti għal kull sejħa l-informazzjoni meħtieġa għall-indikaturi u għall-awtovalutazzjoni, u tibda tagħmel dan mid-dejta għas-sena qabel ma jibda l-EMRP. Grupp espert inkarigat mill-evalwazzjoni ta’ nofs il-perjodu u mill-evalwazzjoni *ex-post* jintalab jevalwa l-progress tal-azzjonijiet differenti tal-programm ippjanat u jibbaża l-evalwazzjoni tiegħu fuq 13-il indikatur speċifiku. Il-grupp espert jagħmel ukoll valutazzjoni tal-impatt tal-EMRP fuq l-integrazzjoni tal-programmi nazzjonali tal-metroloġija, ir-ristrutturar tan-netwerks u l-programmi tal-metroloġija, u l-impatt fuq l-ERA b’mod ġenerali.